MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 1730/2010

**Alex Riolo**

**vs**

**Integrated Business Systems Limited (C-18440)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-29 ta' Dicembru 2010, fejn intalab li is-socjeta konvenuta tigi ikkundannata thallas lill-attur is-somma ta' elfejn mija u sitta u tmenin Euro u hdax il-centezmu (€2,186.11) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi, u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-verbal tas-seduta nhar l-Erbgha 25 ta' Mejju 2011 u illi dakinhar is-socjeta konvenuta ma dehritx u lanqas l-avukat taghha. Dakinhar l-attur talab illi l-ammont jigi ridott ghas-somma ta' sitt mija u tmienja u sittin Euro u hmistax il-centezmu (€668.15) stante pagament li sar fil-mori tal-kawza. Ra il-fatt illi il-partijiet kienu qeghdin jippruvaw jasslu ghall-transazzjoni pero qatt ma dahlet risposta u ghalhekk is-socjeta konvenuta inghatat l-opporunita li tipprezenta risposta f'hames t'ijiem.
Ra il-verbal ts-seduta ta nhar it-8 ta' Gunju 2011 fejn ma giet ipprezentata l-ebda risposta u illi ukoll dakinhar is-socjeta konvenuta ma dehritx u lanqas l-avukat taghha.. Sema ix-xhieda ta' Alex Riolo li kkonferma li l-ammont ta' sitt mija u tmienja u sittin Euro u hmistax il-centezmu (€668.15) kien ghadu dovut. Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza.
Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' sitt mija u tmienja u sittin Euro u hmistax il-centezmu (€668.15) bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------